MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1273/2009

**Marlene Falzon (ID 0299570M)**

**vs**

**Saviour Falzon (ID 0053666M) u Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Marlene Falzon datat 30 ta' Dicembru 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi r-rikorrenti u l-intimat Saviour Falzon huma mizzewwgin u separati (Dok. "MF 1").

Illi permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour u Marlene mizzewgin Falzon,**

bin-numru 908/2008, il-Bank intimat talab dikjarazzjoni fis-sens illi kienu skattaw diversi kondizzjonijiet illi *ai termini* tal-kuntratt Dok. "A" u tal-iskrittura Dok. "B", kienu jintitolaw lill-Bank sabiex titlob il-hlas lura qabel iz-zmien miftiehem tas-self koncess mill-Bank lill-konjugi Falzon.

Illi tali skritturi Dok. "A" u Dok. "B" gew f'idejn l-esponenti ghall-ewwel darba meta giet notifikata bl-imsemmi rikors guramentat; Dok. "A" konsistenti f'kuntratt ta' self li gie ffirmat minn zewgha wahdu, allegatament ghan-nom tieghu u bhala prokuratur ta' martu, u Dok. "B" konsistenti f' *"sanction letter"* ghall-istess somma ta' flus, imma b'termini ta' pagament iktar rigidi, u liema dokument l-esponenti hija certa li ma ffirmatux hi, u liema dokument apparentement gie ffirmat wara li hi u zewgha kienu diga` sseparaw.

Illi konsegwentement, l-esponenti eccepiet minn banda li hija ma ffirmat la Dok. "A" u lanqas Dok. "B" (it-tieni eccezzjoni), u mill-banda l-ohra illi "anki jekk ghal grazzja ta' argument, *dato ma non concesso*, l-konvenuta kienet iffirmat xi tip ta' skrittura dan zgur sar b'qerq min-naha tar-ragel taghha", u dan billi l-partijiet kienu ghaddejjin minn diffikultajiet li wasslu ghas-separazzjoni taghhom, tant illi addirittura Dok. "B" gie allegatament iffirmata wara li kienu diga` separati.

Illi ulterjorment, wara li giet intavolata tali nota ta' eccezzjonijiet, l-esponenti ottjeniet kopja tal-prokura (Dok. "P") li ntuzat sabiex zewgha ffirma l-kuntratt Dok. "A" ghan-nom taghha, u minn tali prokura rrizulta: (i) illi tali prokura jidher illi saret irritwalment *in vista* ta' nuqqas ta' osservanza tal-**artikolu 1322 (7) Kap.16**; (ii) illi b'ebda mod ma kienet l-istess prokura, fost id-diversi awtorizzazzjonijiet fiha elenkati, tawtorizza lill-intimat sabiex jissellef jew jghabbi l-komunjoni tal-akkwisti b'dejn simili *ai termini* tal-**art. 1322 (3) (f)**; u (iii) illi tali prokura nghatat sentejn qabel l-ghoti tas-self, mentri fi zmien il-kuntratt kien hemm terminazzjoni implicita tal-prokura bejn il-partijiet *in vista* tal-problemi li nqalghu f'dawk iz-zmenijiet u li wasslu ghas-separazzjoni taghhom.

Illi din l-Onorabbli Qorti tat sentenza preliminari fl-ismijiet imsemmija datata 30 ta' Novembru 2009 li permezz taghha tat lill-esponenti terminu perentorju ta' xahar sabiex tiddeduci l-azzjoni necessarja *ai termini* tat-tielet eccezzjoni taghha.

Illi l-esponenti tiddikjara li taf il-fatti hawn dikjarati personalment, u li ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara null u invalidu fil-ligi, fil-konfront tar-rikorrenti, il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor William Azzopardi tas-6 ta' Gunju 2003 esibit bhala Dok. "A", u dan billi l-intimat zewgha Saviour Falzon ma kienx debitament awtorizzat sabiex jirrapprezentaha ghar-ragunijiet fuq esposti, u ghaldaqstant l-istess kuntratt huwa affett minn qerq da parti tal-intimat u minn nuqqas ta' kunsens da parti tar-rikorrenti; u

2. Tiddikjara illi kull dokument li setghet iffirmat l-esponenti in konnessjoni mad-dejn li kien qieghed jipproponi li jassumi zewgha jew li effettivament assuma zewgha kien affett minn qerq ipprattikat mill-intimat Saviour Falzon fuq ir-rikorrenti u minn nuqqas ta' kunsens da parti tal-esponenti.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra mqajma mir-rikorrenti, liema eccezzjonijiet ghadhom *sub judice* fil-proceduri fl-ismijiet "**Bank of Valletta p.l.e. vs Saviour u Marlene konjugi Falzon",** Rik. Gur. Nru 908/2008 JZM, bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi, bl-ingunzjoni tal-intimati u/jew rapprezentanti gudizzjarji taghhom in subizzjoni, bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa 34 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Marzu 2010.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) datata 28 ta' Jannar 2010 a fol 40 tal-process fejn Joseph Borg Cardona K.I. numru 522552 (M), ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta jikkonferma:-

1. Illi preliminarjament in-nullita` tar-Rikors Guramentat *stante* illi tali rikors huwa msejjes fuq kawzali diversi u dan kontra l-principju guridiku *electa una via non datur recursus ad alteram* kif gie nterpretat mill-gurisprudenza taghna fis-sens illi c-citazzjoni attrici jrid ikollha tifsira cara u sewwa tat-talbiet attrici sabiex il-konvenut ikun jista' jkun jaf dak li ghandu jiddefendi ruhhu dwaru. Illi jirrizulta mic-citazzjoni li l-attrici qieghda tissottometti fl-istess nifs, kemm li hija ma ffirmatx id-dokumenti "A" u "B" imsemmija fl-istess citazzjoni, kemm li hija ffirmat l-istess dokument "A" u "B" imsemmija pero' b'qerq ta' zewgha u kemm illi l-prokura li hija tat lil zewgha ma kinetx skont il-ligi.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, anke kieku, *dato ma non concesso,* hemm xi fundament fattwali ta' dak li ssostni l-attrici, l-attrici ma tallega l-ebda qerq fil-konfront tas-socjeta` esponenti u ghalhekk ma jistghux jigu annullati l-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2003 kif ukoll id-dokument "B" jew ahjar, *"kull dokument li setghet iffirmat l-esponenti* (l-attrici) *in konnessjoni tad-dejn".*

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu li jezisti xi qerq jew nuqqas ta' kunsens da parti tal-attrici kif imsemmi.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, kwalsiasi ftehim li seta' sar bejn il-partijiet bil-kuntrattt ta' separazzjoni tas-16 ta' Ottubru 2004, huwa *res inter alias acta* vis a vis s-socjeta` bankarja eccipjenti u gialadarba l-attrici ma rrevokatx il-prokura li hija tat lill-konvenut fis-6 ta' Frar 2001 u nnotifikat tali revoka lill-bank esponenti, tali prokura tibqa' vinkolanti skont il-ligi *vis a vis* it-terz - bhas-socjeta` bankarja eccipjenti - u ghalhekk il-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2003 u *"kull dokument li setghet iffirmat l-esponenti (l-attrici) in konnessjoni tad-dejn"* ghandhom

pjena validita` skont il-ligi. Ergo t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Illi dwar il-fatti msemmija fic-citazzjoni, l-esponenti tiddikjara illi dwar l-ewwel premessa trid tistrieh fuq dak li jirrizulta mill-atti pero' mhux necessarjament li dawn gew a konoxxenza taghha qabel il-prezentata ta'din ic-citazzjoni.

6. Illi dwar it-tieni premessa hemm qbil.

7. Illi dwar it-tielet, ir-raba' u l-hames, l-esponenti tikkontestahom.

8. Illi dwar is-sitt talba attrici, hemm qbid li inghatat l-imsemmija sentenza.

9. Illi l-eccippjenti taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 41 et seq tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2011 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Robert Galea ghall-attrici li talab jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti pprefeggiet tletin (30) gurnata lil kull parti bin-notifiki relattivi ghal tali noti. Dehret ukoll l-attrici Marlene Falzon. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2011.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici Marlene Falzon datata 23 ta' Frar 2011 a fol 171 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta Bank of Valletta plc datata 5 ta' Mejju 2011 a fol 179 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega nullita' ta' kuntratt self datat 6 ta' Gunju 2003 (Dok. "A") ghaliex zewgha ma kienx debitament awtorizzat sabiex jirrapresenta u ghaliex dan sar b'qerq da parte tal-intimat u minn nuqqas ta' kunsens taghha u wkoll sabiex tiddikjara li kull dokument li hija setghet iffirmat ghall tali dejn *inter alia* is-sanction letter datata datata 15 ta' Dicembru 2004 u ritornata kontrafirmata fis-7 ta' April 2005 (Dok. "B" – fol. 21) kienet effetta minn qerq da parte tal-intimat u minn nuqqas ta' kunsens taghha.

Illi l-attrici tghid li dawn l-atti saret taf bihom biss meta hija giet notifikata bir-rikors guramentat datat 10 ta' Settembru 2008 li hija rrispondiet fil-21 ta' Novembru 2008, u wara d-d-decizjoni preliminari fil-kawza fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Falzon et"** datata 30 ta' Noevmbru 2009 (P.A. (JZM) fejn in vista ta' dak li hija sostniet fit-tielet eccezzjoni taghha f'dik il-kawza li hija iffirmat l-iskrittura b'qerq minn naha ta' zewgha, anke peress li kienu ghaddejjin minn problemi familjari u anke kienu separati legalment, mela allura hija ma kienitx il-legittimu kontradittur u hija ma ghandhiex tigi meqjusa bhala debitur *in solidum* mar-ragel taghha, gie deciz li peress li l-allegazzjoni hawn vantata kontra zewgha kienet wahda ta' annulibilita' tal-att u mhux ta' nullita' ta' l-att, l-attrici odjern inghatat xahar zmien sabiex taghmel kawza ad hoc fit-termini taghha hemm esposti.

Illi ghalhekk hija proprju din il-kawza li saret fit-30 ta' Dicembru 2009 fil-konfront tal-Bank u ta' zewgha Saviour Falzon, u dan kif premess fir-rikors guramentat. F'dan il-kuntest jinghad bla tlaqliq li gja gie stabilit fl-istess sentenza hawn citata li in kwantu jirrigwarda l-Bank gia gie deciz li *"din il-Qorti.......ma tarax lanqas alluzjoni li l-*

*bank attur kien b'xi mod kompartecipi fl-allegat qerq kommess fil-konfront taghha. Din il-Qorti allura qed tifhem li skont Marlene Falzon, l-allegat qerq kien kommess mill-konvenut Saviour Falzon wahdu fil-konfront taghha".*

Illi f'din il-kawza ma hemm xejn li jista' b'xi mod jittiehed bhala li jikkontrasta dan il-pronunzjament gudizzjarju u allura jidher li l-allegazzjonijiet attrici huma diretti lejn l-konvenut Saviour Falzon. Issa l-premessi tal-kawza odjerni ma humiex cari ghaliex l-attrici f'mument tghid li hija ma saret taf bl-iskritturi biss meta irceviet l-atti tal-kawza msemmija, f'mument tghid li hija ma iffirmat l-ebda att minnhom, inkluz is-sanction letter, u minkejja li jirrizulta li jirrizulta li fejn hemm isimha, din id-dokument jidher iffirmat minnha, hija qed isostni li din ma hijiex firma taghha, u mbaghad tghid li jekk saret xi firma taghha dan sar b'rizultat ta' qerq da parte ta' zewgha; wara dan kollu tghid ukoll li ghall dak li jirrigwarda l-kuntratt Dok. "A" li gie iffirmat minn zewgha f'isimha wkoll permezz ta' prokura ffirmata minnha, inghad li tali prokura saret irritwalment ghaliex ma gewx osservati d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1322 (7) tal-Kap. 16;** u li tali prokura ma kienitx tawtorizza lill- zewgha sabiex jaghmel dejn simili skond l-**artikolu 1322 (3) (f) tal-Kap. 16;** tali prokura nghatat u ntuzat sentejn qabel l-ghoti tas-self, mentri fi zmien il-kuntratt kien hemm terminazzjoni implicita tal-prokura minhabba problemi li nqalghu bejn il-partijiet.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li fit-talbiet attrici dwar il-prokura ma hemm xejn specifikatament u mhux qed tintalab in-nullita' taghha – li jista' jigi mplikat, ghaliex mhux car lanqas, hija jekk fit-tieni talba hux qed isostni li kien hemm vizzju ta' kunsens anke f'dan ir-rigward, izda fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss li f'dik li hija l-prokura datata 6 ta' Frar 2001 (Dok. "P") l-allegazzjonijiet attrici ma gewx lanqas ippruvati lanqas mininament f'dan ir-rigward u dan kemm ghaliex fl-istess prokura hemm car, kemm li n-Nutar spjega l-kontenut tal-istess anke fid-dawl tal-amendi fil-Ligi dwar il-familja (1993), u wkoll li t-termini nfishom tal-prokura kienu jawtorizzaw lill-mandanti li jidhol f'kuntrat ta' self u dan meta l-prokura titiehed kemm fil-kuntest tal-komplessivita' taghha b'mod generali u anke jekk wiehed

ihares biss lejn xi partikolaritajiet tal-istess bhal ma huma l-artikoli 6, 11, u 12 ta' l-imsemmija skrittura, liema prokura fil-fatt qatt ma giet kontestata qabel dawn il-proceduri, lanqas f'kawzi ohrajn, u wisq inqas b'xi mod irtirata mill-attrici. Jirrizulta ghalhekk li tali prokura bil-kontenut taghha u bil-mod kif saret tissodisfa l-kriterji kollha sabiex il-validita' taghha tigi kkonsidrata bhala tali kemm fil-kuntest tal-**artikolu 1322 (3) tal-Kap. 16,** tenut kont anke ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 1322 (6) tal-Kodici Civili** u l-**artikolu 634 tal-Kap. 12** u dan iktar u iktar meta l-istess saret quddiem Nutar, li bl-ebda mod ma gie prodott sabiex b'xi mod iressaq xi dubju fuq l-att li sar quddiemu u li ddikjara li spjega l-portata tieghu lill-firmatarji tal-istess.

Illi dwar l-allegat qerq da parte ta' zewgha f'dan il-kuntest lanqas jirrizulta ghaliex tali prokura inghatat fi Frar 2001 ftit wara li l-partijiet kienu rrikonciljaw anke b'kuntratt datat 11 ta' Jannar 2001 (Dok. "RM 2") u allura f'dak iz-zmien hija kellha relazzjoni tajba ma zewgha; jidher li l-partijiet regghu isseparaw fis-16 ta' Ottubru 2004, izda l-kuntratt ta' self mertu tal-kawza odjerna kien iffirmat fis-26 ta' Gunju 2003 (Dok. "A") u allura dak allegat mill-attrici fil-konfront tal-konvenut Saviour Falzon ma gie bl-ebda mod ippruvat ghall dik li hija l-prokura u dan iktar u iktar meta l-attrici stess mhux biss ma gabhet l-ebda xhieda sabiex issostni din l-allegazzjoni serja vantata minnha izda lanqas adirittura ma xehdet hija, la dwar dan il-punt, u lanqas fuq l-ebda wahda mill-premessi ta' din il-kawza, u certament dan ma huwiex il-mod la kif issir kawza u lanqas kif tigi kondotta kawza minn min jipproponiha u ghalhekk dawn l-allegazzjoni fil-kuntest tal-prokura certament ma gewx ippruvati u qed jigu ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi respinti minn din il-Qorti.

Illi ghal dak li gie allegat li l-prokura giet impliciment irtirita, dan lanqas biss ghandu bazi legali, ghaliex l-attrici setghet biss bil-mod kif tistabixxi u ttipprovdui l-ligi tirtira l-istess, prokura haga li manifestament ma ghamlitx fl-ebda stadju relevanti ghall-kawzali tal-kawza odjerma.

Illi dwar l-allegazzjoni maghmula f'din il-kawza li hija ma iffirmatx is-*sanction letter* datata 15 ta' Dicembru 2004 (fol. 24) l-attrici ma' resqet l-ebda xhieda ta' xejn, u allura din il-Qorti ma thossx li tali allegazzjoni giet b'xi mod ippruvata; fil-fatt lanqas xehdet hija u lanqas talbet sabiex jigi nominat espert kaligrafu sabiex jidettermina hux minnu li tali firma ma hijiex taghha.

Illi ma dan irid jigi kkunsidrat li jirrizulta wkoll li fuq kollox dan ma huwiex l-unika dokument li iffirmat l-attrici ghal-self mal-Bank kif jidher minn *sanction letter* datata 5 ta' Settembru 2000 (Dok. "A"); ittra datata 16 ta' Dicembru 2000 (Dok. "B" – fol. 122); u ittra datata 5 ta' Novembru 2001 (Dok. "C" – fol. 123) kollha esebiti mill-Bank konvenut b'nota datata 16 ta' Awissu 2010 fejn jidher li l-attrici mhux l-ewwel darba li kellha trattazzjonijiet mal-Bank dwar self moghti lilha u lill zewgha, u wkoll jidher mill-istess dokumenti li qabel il-kawza istitwieta mill-Bank kontra taghha u zewgha minhabba nuqqasijiet fi hlas fuq is-self moghti u koncess lilhom fis-26 ta' Gunju 2003, hija stess kienet diversi drabi interpellata mill-Bank biex thallas kif jidher minn ittri datati 31 ta' Awissu 2004 (fol. 139); 24 ta' Settembru 2004 (fol. 135); 13 ta' Novembru 2004 (fol. 136); *sanction letter* datata 15 ta' Dicembru 2004 (fol. 137); ittra datata 24 ta' Jannar 2005 (fol. 141); ittra datata 12 ta' Marzu 2005 (fol. 142); ittra datata 12 ta' April 2005 (fol. 143); u ittra datata 30 ta' Awwissu 2007 (fol. 144), dawn l-atti kollha esebiti fl-istess nota tal-Bank datata 16 ta' Awissu 2010 (fol. 113), liema ittri li whud minnhom jirreferu proprju ghall pendenza odjerna qatt ma gew imwiegba mill-istess attrici, tant li jista' jinghand li minkejja l-ispedizzjoni ta' tali korrispondenza lill-attrici minn naha tal-Bank ma kien hemm rispons ta' xejn minn naha tal-attrici, tant li wara dawn l-ittri kollha l-istess attrici qatt ma qajmet l-ebda kwistjoni mal-bank, la dwar il-validita' tal-atti hawn kontestati, u kien biss wara li rceviet l-kawza fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c vs Saviour Falzon u Marlene mizzewgin Falzon"** (Rikors Gur. 908/2008) li permezz ta' risposta guramentata datata 21 ta' Novembru 2008, li hija ghall-ewwel darba qajmet l-allegazzjoni fil-konfront ta' zewgha dwar qerq prattikat fuqha, u dan certament ma jistax jinghad li rrendi l-vantazzjoni attrici

kredibbli b'xi mod jew taht xi aspett fattwali u wisq inqas legali.

Illi dwar l-allegazzjoni ta' qerq prattikat mill-konvenut Saviour Falzon fil-konfront taghha, in vista' tal-korrispondenza stess li l-attrici kienet hija rceviet mill-Bank, ma jistax jinghad li l-versjoni taghha tista' tigi kkunsidrata bhala kredibbli u minbarra dan lanqas biss hemm il-minimu ta' accenn ta' prova f'dan ir-rigward, tant li dak kollu allegat fic-citazzjoni attrici ma gie bl-ebda mod ippruvat mill-attrici, li fil-verita' li jista' jinghad b'mod assolut li lanqas biss hiija ma ippruvat jew ittentat taghmel dan. F'dan il-kuntest it-talbiet attrici ma jistawx jitqiesu bhala li gew ippruvati u qed jigu michuda, proprju minhabba nuqqas ta' kull element ta' prova minn naha taghha u dan meta la darba hija kienet qed taghmel tali allegazzjonijiet kien oneru taghha li tipprova l-istess, haga li ma ghamlitx.

Illi ghall dak li jirrigwarda l-kuntratt ta' separazzjoni datata 16 ta' Ottubru 2004 ma hemm l-ebda dubju li dan kien *res inter alios acta* fil-konfront tal-Bank konvenut u fuq dan l-aspett din il-Qorti qed ukol tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Bank konnvenut u dak sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, anke dwar dak hawn deciz, fejn l-istess risposta guramentata u nota osservazzjonijiet huma konsistenti ma' dak hawn deciz.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti hadhet konjizzjoni wkoll tal-ewwel eccezzjoni tal-Bank konvenut u jidher li fic-citazzjoni attrici hemm konfuzzjoni dwar il-premessi li fuqhom hija mibnija fejn f'hin minnhom tippremetti li tali kuntratt u ittra ma humiex veljanti, anzi nulli fil-konfront taghha peress li dawn saru minnha b'qerq prattikament minnha minn zewgha, mentri ftit wara tghid li ma ffirmatx tali dokumenti u dan immur kontra l-principju guridiku *"electa una via nin datur ricorsus ad alteram".* Dan gie iktar konfuz mill-istess attrici bil-mod kif ikkoncudiet il-kawza fejn fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2010 Dr. Gianfranco Gauci ghall-attrici prezenti ddikjara li *"l-kawza hi limitata ghan-nuqqas ta' kunsens tal-attrici u l-qerq da parti tal-konvenut Saviour Falzon u ma timinpingix fuq il-*

*veracita' o meno tal-firem relattivi".* Izda dan jidher li intesa kollu mill-istess attrici meta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha datata 23 ta' Frar 2011 hija regghet qajmet il-punt tal-firma tal-prokura u dik fuq is-*sanction letter* (Dok. "B") (ara para. 11 u 14 tal-istess nota) u dan certament ikompli jimmilita kontra l-kredibilita' u wkoll s-sostenibilita' tal-azzjoni attrici.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Saviour Falzon, filwaqt li tilqa' r-risposta guramentata tal-Bank konvenut datata 28 ta' Jannar 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------